MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 527/2012

**David Muscat**

**vs.**

**Noel Galea**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2012, li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' mitejn u ħamsa u disgħin Ewro u sittin ċenteżmu (€295.60) rappreżentanti din is-somma prezz ta' appalt konsistenti fl-istallazzjoni ta' dawl fil-fond tal-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ippreżentata fl-10 t'Awwissu 2012, fejn huwa eċċepixxa:

Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li qatt ma kien hemm ftehim ta' appalt jew ta' xi xogħolijiet bejn il-partijiet u r-rikorrenti ma eżegwixxa ebda xogħol fuq inkarigu tal-esponent;

Illi t-talba hija frivola u vessatorja u għalhekk għandha tiġi miċħuda;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema x-xhieda.

Ra illi meta l-provi dwar il-mertu kienu ingħalqu miż-żewġ partijiet, ġie ippreżentat rikors mill-konvenut fl-24 ta' Jannar 2013, fejn huwa talab l-awtorizzazzjoni sabiex ai termini tal-Artikolu 2112 tal-Kapitlu 16 iqajjem eċċezzjoni ulterjuri u ċioe l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra illi fis-6 ta' Frar 2013, it-Tribunal laqa' t-talba u għaldaqstant fit- 8 ta' Frar 2013, il-konvenut ippreżenta risposta ulterjuri fejn huwa eċċepixxa:

Illi mingħajr preġudizzju għal dak li diġa ġie sollevat mill-esponenti fir-risposta tiegħu, l-esponenti jikkontendi li l-azzjoni tal-attur għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontrih, stante li l-azzjoni kif minnu intavolata hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra illi l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx iktar provi x'jipproduċu dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ra illi l-partijiet ġew awtorizzati jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom, kif fil-fatt għamlu, u ra li l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Fatti**

Il-partijiet huma ġirien. L-attur jgħix fl-appartament numerat 3 fil-waqt illi l-konvenut jgħix fl-appartament numerat 4, fil-blokka bl-isem Porchester, Triq Għollieq, Mosta. Il-konvenut akkwista wkoll l-appartament numru 6 fl-istess blokk u xtaq illi jniffed iż-żewġ appartamanti. Biex jagħmel dan, kellu bżonn illi jagħmel xi xogħolijiet tad-dawl. Huwa kien kapaċi jagħmel parti sostanzjali tax-xogħol huwa stess, iżda f'ċertu stadju talab għall-għajnuna mingħand l-attur li huwa *electrician* kwalifikat.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Preskrizzjoni**

It-Tribunal ikkunsidra illi l-preskrizzjoni hija eċċezzjoni pjuttost partikolari u dana għaliex filwaqt illi hija eċċezzjoni li tista' titqajjem f'kull stadju tal-kawża, il-ġudikant għandu jdejh marbuta li japplika l-preskrizzjoni unikament skont l-artikolu iċċitat u li jagħti interpretazzjoni restrittiva. Dan huwa konfermat u stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna.

Fil-kawża Manche Donald noe vs. Joseph Said[1] intqal :

"Li jfisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi *ex officio* għan-nuqqas tal-parti u ma għandhiex għalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli għall-każ xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod ċar u espliċitu minn min jinvokaha."

Fil-kawża Maltacom p.l.c. ġia Korporazzjoni TeleMalta vs. Salina Co. Limited[2] intqal:

---

[1] Citazzjoni Numru: 1446/1992 deciza fit-28 /05/2003
[2] Citazzjoni Numru. 1791/1999/1 deciza fit-30 ta' Novembru, 2004

Illi minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-imħarrek u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor (ukoll jekk dan jeżisti), għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u "*tissupplixxi għall-parti eċċipjenti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva*"[3]

Fil-kawża Dr. Christian Farrugia vs. Reġistratur Tal-Qorti[4] ġie stipulat:

Illi, meta l-Qorti tiġi biex tqis ilment dwar preskrizzjoni, trid iżżomm mal-preskrizzjoni li l-parti ssemmi: **jew dik il-preskrizzjoni tkun tapplika, jew ma tkunx.** F'każ li l-preskrizzjoni msemmija mill-parti ma tapplikax għall-każ m'huwiex imħolli għall-Qorti li tgħid hi liema żmien preskrittiv għandu japplika, għaliex minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, din il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni speċifika mressqa mill-parti u ma tistax minn rajha tqis li jeżisti terminu preskrittiv ieħor, għaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qegħda tindaħal u "tissupplixxi għall-parti f'materja odjuża li fiha ma tistax tieħu inizzjattiva"

Fil-każ odjern, il-konvenut qiegħed jeċċepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(a) **tal-Kap. 12.** Il-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ma fih l-ebda Artikolu 2148(a) u għalhekk ċertament illi l-artikolu ċitat huwa żbaljat. Huwa minnu li l-istess konvenut fin-nota t'osservazzjonijiet tiegħu jirreferi għall-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16, iżda minkejja dan it-Tribunal huwa tenut li jagħti applikazzjoni lill-artikolu preskrittiv sollevat, u dana konfortat mill-ġurisprudenza li ġiet iċċitata. Inoltre, kif ferm risaput, fil-materja tal-preskrizzjoni, kwalsiasi dubju għandu jmur kontra l-eċċipjent.

---

[3] Kollez. Vol: XL.i.166 App. Civ. fl-ismijiet Cali vs Galea deciz 11 ta' Mejju 1956
[4] Rikors Numru 265/01JRM, deciz 15 t'April 2002

Dan intqal fil-kawża Ronald Naudi noe. vs. Unispeed Shipping and Forwarding Limited[5]:

Illi, kif ingħad iżjed 'il fuq, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tingħata tifsira restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita' taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju għandu jmur kontra l-eċċipjent.

Illi t-Tribunal għalhekk huwa tal-fehma li fil-każ odjern, il-preskrizzjoni invokata mill-konvenut ma tapplikax għall-każ, u għaldaqstant lanqas huwa meħtieġ li t-Tribunal jidħol fi proċess biex iqis u jistħarreġ jekk l-istess żmien ta' preskrizzjoni skadiex jew le.

Illi għalhekk in bażi għall-konsiderazzjonijiet premessi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata hija insostenibbli u qed tiġi miċħuda.

**Konsiderazzjonjiet dwar il-Mertu**

Illi dwar il-mertu, il-partijiet ma jaqblux dwar l-ammont ta' ħin imqatta' mill-attur fl-appartament tal-konvenut, bl-attur isostni li ħadem żgur għal għoxrin siegħa, mentri l-konvenut isostni li ma kinux iktar minn għaxar sigħat.

Inoltre l-attur jallega illi l-ammont mitlub huwa eċċessiv u dan anke billi ġab stima oħra tax-xogħol mingħand terz sabiex isostni illi l-prezz għal kull point huwa ta' €18.63 u mhux €40 kif isostni l-attur, u l-prezz jinkludi t-tqattiegħ tat-trinek u t-tqegħid tal-kaxxa innifisha – xogħol illi l-attur m'għamilx għaliex għamlu l-istess konvenut.

---

[5] Citazzjoni Numru: 2264/2000/1 deciza fis-26 ta' Gunju 2003

L-attur jirribatti dan billi jgħid illi huwa wasal għall-prezz tiegħu billi kkalkola n-numru ta' sigħat ta' xogħol – ħaġa li dwarha m'hemmx prova inkonfondibbli.

Kwistjoni oħra hija li l-konvenut kien mingħalih li dan ix-xogħol qiegħed isir bi ħbiberija u dana peress li l-attur huwa ġar tiegħu. Minkejja dan, il-konvenut xehed kif huwa xtaq li jikkompensa lill-attur tal-għajnuna tiegħu "jiena kont lest li npattilu l-pjaċir jew bi pjaċir ieħor jew anke bi flus"[6]

Il-konvenut jallega, li huwa u l-attur għamlu xogħolijiet fil-komun tal-appartamenti tagħhom, u l-flus li ħallsu s-sidien l-oħra tal-appartamenti fil-blokk, żammhom kollha l-attur u dana bl-aċċettazzjoni u bil-kuntentizza tal-konvenut, li xtaq li effettivament ipattilu tal-pjaċir li kien għamillu meta għenu fit-tfassil tax-xogħol. Din l-allegazzjoni tal-konvenut, la tissemma u lanqas hija kontradetta mill-attur u għalhekk it-Tribunal qed jemmen din il-verżjoni tal-konvenut.

Fil-fehma tat-Tribunal, kull min iwettaq xogħol għandu jiġi mħallas u ħadd ma jista' jippretendi xogħol b'xejn sempliċiment għax ikun ħabib, ġar jew qarib u dana dejjem sakemm il-persuna li twettaq ix-xogħol ma tkunx irrinunzjat għall-ħlas, ħaġa li ċertament għandha dritt li tagħmel.

Għaldaqstant fil-każ odjern, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ħaqqu xi ħlas għax-xogħol tiegħu. It-Tribunal jikkunsidra li x-xogħol li wettaq l-attur kien it-tfassil tal-points, pariri lill-konvenut fejn għandu jagħmel it-trinek, u billi għenu fil-ġbid tal-wires. Hija l-fehma tat-Tribunal illi l-materjal provdut mill-istess attur ġie mħallas mill-konvenut.

Għal dan ix-xogħol, it-Tribunal huwa tal-fehma illi dak l-ammont li tħallas lill-attur għax-xogħol imwettaq miż-żewġ partijiet fil-komun tal-blokka tal-apartamenti, huwa sufficjenti bħala ħlas għax-xogħol imwettaq mill-attur fl-appartament tal-konvenut. Għaldaqstant it-Tribunal huwa

[6] Xhieda ta' Noel Galea tal-11 ta' Jannar 2013

tal-fehma li l-konvenut m'għandux iktar xi jħallas lill-attur, u kwindi m'huwiex debitur tiegħu.

Dana jingħad ukoll fid-dawl illi saħansitra l-attur kien kuntent b'dan l-arranġament u kien biss meta nqalgħu argumenti oħra bejn il-partijiet, mhux relatati mal-każ odjern, illi huwa ressaq pretensjonijiet ulterjuri għax-xogħol tiegħu. Jirriżulta illi l-kont intbagħat l-ewwel darba tramite ittra legali datata 4 ta' Ġunju 2012[7] u dana meta x-xogħol kien sar fl-2010.

Għaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma li filwaqt li jtenni li l-attur għandu dritt li jitħallas għal xogħolu, jiddikjara li kwalsiasi ammont lilu dovut mill-konvenut, diġa ġie saldat kif ġie hawn fuq spjegat.

**Deċide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed fl-ewwel lok jiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Fit-tieni lok u dwar il-mertu, it-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba attriċi.

In vista taċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' din il-kawża jkunu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[7] Fol. 25 tal-process